# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 547/2020 fl-ismijiet:**

**Raymond Galea [detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 463966(M)]**

**Vs**

**Franġisk Farruġia(K.I. Nru. 156645M), Katarina Micallef (KI. Nru. 22052M), Josephine Micallef (K.I. Nru. 318756M), Elysia Micallef (K.I. Nru. 628982M), Eric Micallef (K.I. Nru. 220886M), Mark Anthony Farruġia (KI. Nru. 637062M), George Farruġia (KI. Nru. 590164M), Rosalie Grixti (K.I. Nru. 294566M), Dionisio Micallef (K.I. Nru. 367630M) u Noel Bonniċi (K.I. Nru. 327064M).**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Raymond Galea (ir-rikorrent) tal-20 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

''Illi permezz ta' rikors preżentat fl-20 ta' Mejju, 2020, l-esponenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha żżomm lill-intimati milli "*huma nnifishom, jew bl-intervent jew opera ta' terzi, jeżegwixxu, jwettqu jew jagħmlu, inkella jippermettu jew jawtoriżżaw lil min jagħmel, xi żvilupp fuq il-proprjetà ossia s-sit li huwa sitwat fi Triq il-Konz kantuniera ma' Triq San Gorg Preca fiż-Żurrieq, senjatament kif approvat permezz tal-permess ta' żvilupp PA/03139/19*"

Illi din it-talba inltaqgħet provviżorjament b'digriet ta' l-20 ta' Mejju 2020, u sussegwentement ġiet ukoll milqugħa b'mod definittiv wara smigħ li nżamm f'udjenza nhar is-16 ta' Ġunju, 2020, b'digriet ieħor mogħti dakinhar ta' l-istess udjenza.

Illi meta sar ir-rikors fl-20 ta' Mejju, 2020, kien għadu ma sar ebda xogħol fuq is-sit inkwistjoni, li kien jikkonsisti f'art li kienet għadha mhux żviluppata.

Illi madanakollu preżentement qed isir xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-art in kwistjoni, kif jidher bl-aktar mod ċar fir-ritratti li qed jiġu esebiti bħala Dok RGI, Dok RG2, Dok RG3, Dok RG4, Dok RGS, Dok RG6 u Dok RG7.

Illi dan ix-xogħol ta' kostruzzjoni qed isir pależement bi ksur u in vjolazzjoni tal-ordni mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat suċitat.

Illi minħabba f'hekk, qed issir ir-rikors odjern.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:

(i) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili sabiex jistitwixxi proċeduri ta' disprezz fil-konfront ta' l-intimati, jew min minnhom, u dan ai termini ta' l artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrimedjaw dak li sar bi ksur tal-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss għal dan il-għan, u taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi, u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż ta' l-istess intimati.

Bl-ispejjeż’’.

Rat ir-risposta ta’ Franġisk Farruġia u oħrajn (l-intimati) presentata seduta stante fit-28 ta’ Ottubru 2022 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. ‘’Illi preliminarjament, jingħad li din ir-risposta qiegħda ssir bi tweġiba għar-rikors imressaq mill-attur Raymond Galea fl-20 ta' Ottubru, 2022, fejn talab lil dina l-Onorabbli Qorti biex, inter alia, tordna li jiġu inizzjati proċeduri ta' disprezz kontra l-intimati jew min minnhom stante allegat ksur tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi.

2. Illi l-esponenti jissottomettu li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu sommarjament miċħuda billi huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana hekk kif sejjer jirriżulta ampjament waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

3. Illi l-esponenti jissottomettu bil-qawwa kollha li huma m'għamlu assolutament xejn li jsarraf fi ksur tad-divjet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat suċitat.

4. Illi x-xogħolijiet li qed jiġu eżegwiti fil-preżent m'humiex intiżi biex jissodisfaw l-iżvilupp approvat permezz tal-permess ta' żvilupp PA/03139/19, li huwa l-iżvillup meritu tal-mandat de quo, iżda qiegħdin isiru għall-fini ta' żvilupp kompletament differenti u li ġie approvat permezz tal-permess ta' żvilupp PA/03541/21.

5. Illi dawn ix-xogħolijiet m'għandhomx il-kapaċita jippreġudikaw lir-rikorrent, u dan anke peress illi l-istess xogħolijiet qiegħdin jiġu eżegwiti limitatament f'post fejn ir-rikorrent m'għandu assolutament ebda interess u/jew pretensjoni.

6. Illi f'kull kaz, jispetta lir-rikorrent li jagħmel il-prova illi l-art fejn qiegħdin isiru x'xogħolijiet hija milquta bil-mandat odjern.

7. Illi finalment, l-esponenti jixtiequ jagħmluha ċara li huma bl-ebda mod ma jridu jiddisprezzaw l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, u għandhom kull ħsieb u interess li jkomplu josservaw l-istess ordni.

8. Illi għaldaqstant, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma fierha, vessatorji u malafamanti fil-konfront tal-esponenti, u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

9. Salv sottomissjonijiet ulterjuri''.

Rat il-verbal tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Ottubru li permezz tiegħu iddikjaraw is-segwenti:

*"Il-partijiet qed jaqblu li fil-fatt xogholijiet qed isiru pero' l-intimati qed jinsistu li dawn mhux xogholijiet fl-art li dwarha llum qed isiru l-proceduri.*

*Il-partijiet qed jaqblu li fil-mument li hareg il-mandat ta' inibizzjoni l-art mertu tar-rikors odjern kienet fil-fatt taghmel originarjament parti mill-permess PA 03139/19.*

*Sussegwentement din l-art mertu tar-rikors odjern inhargilha permess gdid bin-numru PA 03541/21.*

*L-intimati qed isostnu li qed isiru xogholijiet differenti minn dak li kienu indikati fil-permess PA 03139/19 mentri r-rikorrenti jiddikjara li mhux f'posizzjoni jiddikjara dan il-fatt."*

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet lill-abbli disfensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Punti ta' fatti**

Permezz tal-mandat ta' inibizzjoni li fl-atti tiegħu qiegħdin isiru l-proċeduri odjerni l-intimati ġew miżmuma milli huma nnifishom jew bl-intervent jew opera ta' terzi jesegwixxu, jwettqu jew jagħmlu, inkella jippermettu jew jawtorizzaw lil min jagħmel, xi żvilupp fuq il-propjeta' ossia sit li huwa sitwat fi Triq il-konz kantuniera ma' Triq San Gorg Preca fiż-Żurrieq senjatament kif approvat permezz tal-permess ta' żvilupp PA/03139/19.

Kif anke jemerġi mill-verbal inkwistjoni, ix-xogħolijiet mertu ta' dawn il-proċeduri qiegħdin isiru fuq art li kienet tagħmel parti mill-iżvilupp awtorizzat bil-permess imsemmi. F'xi ħin din l-art partikulari u wara li kien ħareġ il-mandat inwkistjoni inqalet minn ma' dan il-permess u nħareġ permess ieħor PA/03541/21. L-intimati jinsistu li b'dan il-permess ġdid qed isir żvilupp kompletament differenti li ġie approvat b'dan l-aħħar permess.

Minħabba f'hekk ir-rikorrent ipproċeda bil-proċeduri odjerni kontra l-intimati.

**Punti ta' Liġi:**

Permezz ta' dawn il-proċeduri ir-rikorrent qiegħed jitlob żewġ affarijiet. (1) Li din il-Qorti tordna lir-reġistratur tal-Qrati li jibda proċedura ta' disprezz kontra l-intimati għaliex bix-xogħolijiet ġodda kissru l-ordni tal-Qorti u (2) li l-intimati jirrimedjaw dak li sar bi ksur tal-mandat ta' inibizzjoni u dan fi żmien qasir li tipprefiġġi din il-Qorti taħt is-sorveljanza ta' periti u fin-nuqqas bid-debita awtoriżżazzjoni lill-intimat li jagħmilhom hu flokhom a' spejjeż tagħhom.

Dwar it-tifsir legali tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta l-pożizzjoni legali din ġiet spjegata tajjeb fis-Sentenza fl-ismijiet **Reġistratur tal-Qrati Superjuri -vs- Kristinu Giordmaina tal-25 ta' Settembru 2003** fejn intqal hekk:

"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa .

Kif jgħallem Lord Denning, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (In re Bramblevale Limited – 1970)."

Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha. Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtija lilha bħala

wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha.

Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Ara Appell Ċivili, fl-ismijiet Edward Camilleri vs Carmelo Vella tas-7 ta' Ottubru 1997)."

Din il-Qorti tkompli tosserva li l-Attur, f'kawżi bħal dawn, m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tkun imħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (Ara **Vol. LXXIV-iii-546**).

Di piu' dan l-Istitut tal-liġi għandu importanza doppja. Dik li jinżamm ir-rispett lejn l-ordnijiet tal-Qrati biex għalhekk tkun konservata d-dinjita' istituzzjonali tagħhom u dik li tintlaħaq fil-finalita' koattiva tal-liġi. Li kieku kull persuna titħalla tisfida l-ordnijiet tal-Qrati b'impunita', l-iskop teleoloġiku legali tal-liġi u ċioe' li ordnijiet tal-Qrati jkunu esegwiti materjalment u kontra kull resistenza fiżika, jitħalla li jkun eluż. Dan l-Istitut qiegħed hemm biex jassigura li l-ordnijiet tal-Qrati ma jittieħdux bħala gwida etika, iżda li għandhom warajhom is-saħħa kollha legali għall-esekuzzjoni tagħhom skont il-liġi posittiva.

*L-ewwel talba*

Kemm mill-verbal fuq imsemmi u kif ukoll mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, jidher ċar, li l-art mertu ta' dawn il-proċeduri għalkemm illum mertu ta' permess ta' żvilupp differenti, fil-mument li ħareġ il-mandat ta' inibizzjoni u meta saret l-ordni tal-Qorti kienet tassew tifforma parti mill-permess ta'

żvilupp l-antik. Issa l-intimati jridu li minħabba li hemm permess ġdid u xogħolijiet differenti, t-talbiet rikorrenti għandhom ikunu miċħuda, għaliex dak li għandha quddiemha llum ma huwiex dak li kellha meta ħarġet l-ordni.

Waqt it-trattazzjoni, l-avukat tar-rikorrent issottometta li kellu jiġi aċċettat dan l-argument, ordnijiet bħal dawn faċilment jistgħu jkunu elużi bil-ħruġ ta' permess ġdid. Insista, li jekk kien hemm bżonn li dawn ix-xogħolijiet jinqalgħu minn taħt l-effetti tal-ordni oriġinali minħabba permessi ġodda, l-intimati kellhom l-ewwel jirrikorru għall-proċeduri li tipprovdi taħt artikolu 836 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti taqbel għal kollox ma' dan l-argument u għalhekk issib li prima facie hemm lok li f'dan ir-rigward tilqa l-ewwel talba rikorrenti. Ftit jiswa, dak li ġara wara li ħarġet l-ordni. Din il-Qorti trid tara is-sitwazzjoni fil-mument li ħarġet u mhux wara. Lanqas għandu importanza x'tip ta' xogħolijiet qiegħdin isiru llum għaliex wara kollox lanqas fl-ordni ma hemm speċifikat dan. Kull xogħol ġie imwaqqaf bl-ordni.

<u>*It-tieni talba*</u>

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din it-talba. Issa huwa minnu li l-Istitut tad-Disprezz tagħna jagħti setgħa lil Qrati li jneħħu l-inkonvinjent, f'dan il-kas ix-xogħolijiet li saru', Artikolu 997(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, <u>tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat</u> fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-*

*sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(€116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi".* (Emfażi tal-Qorti).

Ir-rikorrent irid, li wara li għażel li jipproċedi ai termini tal-artikolu 1003A tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, tkun din il-Qorti li tordna it-tneħħija tax-xogħolijiet. **Din** il-Qorti **f'dawn** il-proċeduri dan ma tistax tagħmlu. Kieku tagħmel hekk tkun diġa' qed tiddikjara ħtija da parti tal-intimati meta fl-ewwel talba qed jintalab li **jittieħdu** proċeduri għad-disprezz. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' din it-tieni talba jkun kontro-sens. Talba bħal din għandha ssir lil dik il-Qorti li għad trid tiddeċiedi jekk hemmx disprezz o meno u dan tagħmlu fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu sudett.

Dawn ma humiex proċeduri abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 873(4) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi :

*"Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita aġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-*

*xogħolijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita."* (Emfażi tal-Qorti).

Huwa dan is-sub artikolu, li jawtorizza **lill-istess** Qorti **fl-istess** proċeduri teżerċita dak li qiegħed jintalab mir-rikorrent lil din il-Qorti f'dawn il-proċeduri.

Filwaqt li l-Qorti tifhem id-disfunzjonalita' tal-liġi f'dan ir-rigward, għal din il-Qorti, is-sitwazzjoni tibqa' kif qed tifhimha. Imma anke mill-kliem ta' dan sub-artikolu, huwa ċar li għal sitwazzjoni f'dawn il-proċeduri, din il-parti tal-liġi tidħol kexxun f'dak li jrid ir-rikorrent, għalhekk l-emfażi sudetta tal-Qorti.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jistitwixxi proċedura ta' disprezz fil-konfront tal-intimati u dan ai termini tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.

**Tiċħad** it-tieni talba.

**Illum 31, ta' Ottubru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**